MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1106/2008

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Kenneth Ellul, iben Joseph, imwieled Pieta' fil-15 ta' Settembru, 1974, Karta ta' l-Identita numru 444374(M)

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:

1. talli fit-28 ta' Ottubru, 2008, f'xi ħin wara nofsinnhar, ġewwa Triq M. Pianta, Swieqi, ikkometta serq minn ġewwa residenza Oriana Court, numru 5, għad-dannu ta' Claudio Porsenna, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valur li jaqbeż l-€2,329.37 u bil-lok;

2. talli bejn l-1 ta' Novembru, 2008 u it-3 ta' Novembru, 2008 ġewwa Triq it-Terz, Swieqi, ikkometta serq minn ġewwa ir-residenza numru 2, għad-dannu ta' Caterina

Spampinato, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valur li jaqbeż l-€2,329.37 u bil-lok;
3. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Lulju, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. rigward l-ewwel akkuża fl-artikoli 261, 263, 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. rigward it-tieni akkuża fl-artikoli 261, 263, 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
c. Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull oġġezzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Diċembru, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(e), 263, 264(1), 267, 269(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija.  Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ elf u ħames mitt euro (€1,500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------